## 25 ta' Frar, 1955

### Imħallef:
### Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmela Muscat et. *versus* Caterina Borg et.

**Wirt — Likwidazzjoni u Diviżjoni — Trafugament ta' Sustanzi Ereditarji — Eċċezzjonijiet Dilatorji — Art. 729 (1) u (2), 730, u 792 (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta ssir diviżjoni parzjali ta' wirt, u ssir bil-kunsens u fil-konfront tal-interessati kollha, dik id-diviżjoni hija irrevokabbli. Għal-daqstant, jekk wieħed mill-interessati jippretendi li għandhom jinqasmu xi sustanzi tal-eredità li ma ġewx komprizi fid-diviżjoni parzjali li saret, ma jistax jiġi eċċepit li għandha ssir diviżjoni ġenerali biex dawk is-sustanzi li ma nqasmux jiġu konteġġjati fil-likwidazzjoni ġenerali; għax inkella s-sustanzi ġa maqsuma jerġgħu jidħlu fil-likwidazzjoni, u jsiru ħaġa waħda mas-sustanzi mhux maqsuma — ħaġa li mhix legalment ammissibbli.*

*Kwistjoni ta' trafugament ta' sustanzi ereditarji, aktarx milli waħda ta' aċċertament tal-massa dividenda, hija waħda diretta biex tiġi stabbilita l-identità u l-valur tal-oġġetti trafugati; u tista' għalhekk tippreżenta aspetti ġuridiċi partikulari, sew fl-inkwadrament tagħha kemm fil-kontestazzjoni. B'mod illi t-tendenza tal-Qrati Tagħna kienet prevalentement li, f'każi simili, ikun hemm azzjoni apposita li fiha l-kwistjoni tiġi eżawrjentement diskussa "ad hoc".*

*L-eċċezzjoni illi, biex jinqasmu xi sustanzi ereditarji li ma ġewx komprizi f'diviżjoni parzjali li ġa saret, għandha ssir likwidazzjoni ġenerali tal-eredità, hija eċċezzjoni dilatorja. Dawn tali trid tiġi mogħtija "in limine litis"; imma avvolja tkun ġiet hekk mogħtija, jeħtieġ li min eċċepiha jinsisti qabel xejn li tkun deċiża. Jekk huwa jħalli l-kawża timxi l-quddiem, u xjentement jipproċedi għal atti susseġwenti wara li jkun issolleva dik l-eċċezzjoni, l-insistenza tiegħu biex l-istess eċċezzjoni tiġi deċiża tkun serotina; għax l-atteġġjament tiegħu ma jkunx jista' jkun ħlief akkwiexxenza għal dak li jkun sar fil-kawża.*

Il-Qorti;

Rat iċ-ċitazzjoni tal-atturi, li biha, wara li ppremettew li l-konvenuta Caterina Borg, bil-kompliċità ta' żewġha l-konvenut l-ieħor, approprijat ruħha minn £756. 10s. 4d. li kienu jappartjenu, in kwantu għal £487. 12. 7d. lill-attriċi Carmela Muscat, u in kwantu għal £268. 17s. 9d. lill-attur l-ieħor; liema somma tinsab għand il-konvenut; peress illi l-konvenuta ħadet ukoll fid-dar konjugali tagħha għamara, mobbli u oġġetti oħra, li jappartjenu lilha u lill-attur inkomun; wara li jiġi mogħti kwalunkwe *provvediment opportun*, talbu (1) illi l-konvenuti jiġu kundannati solidalment iħallsu lill-atturi, fil-proporzjon fuq imsemmija, is-somma ta' £756. 10s. 4d, jew kwalunkwe somma verjuri, anki maġġuri, li l-konvenuti jirriżultaw li ħadu u li approprijaw ruħhom minnha, bl-imgħax legali; (2) u tiġi ordnata d-diviżjoni f'żewġ porzjonijiet indaqs ta' l-għamara, mobbli u oġġetti oħra komuni bejn iż-żewġt aħwa Muscat, u li mit-trattazzjoni tal-kawża jirriżultaw li ħadet il-konvenuta, billi waħda miż-żewġ porzjonijiet tiġi assenjata lill-attur u l-oħra lill-konvenuta. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tal-qbid tal-15 ta' Diċembru 1950;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha ssottomettew (1) li l-flus u l-oġġetti msemmija fiċ-ċitazzjoni jirrappreżentaw parti biss mill-ġid komuni bejn l-attur u l-konvenuta, u għalhekk huwa l-każ li dawn il-flus u oġġetti jiġu konteġġjati fil-likwidazzjoni u diviżjoni ta' dan il-ġid kollu, b'mod li l-azzjoni preżenti tinsab proposta ħażin, u hemm lok għall-liberazzjoni tal-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; (2) illi l-eċċipjent Antonio Borg ma għandux x'jaqsam personalment ma' dawn il-flus u oġġetti u ġid ieħor, billi si tratta ta' proprjetà fejn hija nteressata l-konvenuta martu, u ta' affarijiet li dina għamlet qabel ma żżewġitu u mingħajr ebda konnivenza tiegħu, u għalhekk, f'kull każ, għandu jiġi meħlus mid-domanda;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali;

Illi l-atturi avanżaw żewġ domandi: l-ewwel konsistenti fil-kundanna tal-konvenuti li jħallsu solidalment is-somma ta' £756. 10s. 4d. jew kwalunkwe somma verjuri, anki maġ-

ġuri, li jirriżultaw li ħadu u li approprijaw ruħhom minnha; u t-tieni konsistenti fid-diviżjoni tal-għamara u oġġetti oħra komuni li jirriżultaw li ħadet il-konvenuta fid-dar konjugali tagħha;

Illi, rigward l-ewwel talba, l-atturi jippretendu li l-konvenuti ħadu wkoll flus personali u partikulari tagħhom, mhux provenjenti minn wirt (v. nota fol. 179). Taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma jidħerx li kien hemm bżonn li tiġi mitluba l-likwidazzjoni ta' l-wirt jew ta' l-istat ta' komunjoni; għaliex jibqa' dejjem l-interess li għandhom l-atturi li jistabbilixxu u jaċċertaw jekk il-konvenuti ħadux dawk il-flus, u għall-bżonn is-somma li effettivament ħadu;

Illi, kwantu għat-tieni domanda, irriżulta mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur Salvatore Muscat (fol. 63) illi l-bini komuni ġa mqassam b'kuntratt notarili, id-deheb inqasam ukoll, u ma nqasmux il-mobbli u l-flus; jiġifieri ġa saret, bil-kunsens tal-interessati, diviżjoni parzjali. Issa, kieku kellha ssir likwidazzjoni ġenerali pretiża mill-konvenuti, is-sustanzi ġa maqsuma jkollhom jerġgħu jidħlu fiha wkoll u jsiru ħaġa waħda mas-sustanzi mhux maqsuma — ħaġa din legalment inammissibbli, għaliex id-diviżjoni parzjali, bil-kunsens u fil-konfront ta' l-interessati kollha, saret irrevokabbli;

Illi hemm imbgħad konsiderazzjoni oħra għall-ammissibbilità taż-żewġ domandi kif proposti, għal dak li jirrigwarda t-trafugament tal-flus u ta' l-oġġetti l-oħra; illi dina l-kwistjoni, aktarx milli waħda ta' aċċertament ta' massa dividenda, hija prevalentement waħda diretta u ntiża biex tistabbilixxi l-indentità u l-valur ta' l-oġġetti trafugati, u tista' għalhekk tippreżenta aspetti ġuridiċi partikulari, sew fl-intavolament tagħha kemm fil-kontestazzjoni, b'mod illi t-tendenza tal-Qrati Tagħna kienet prevalentement li, f'każ simili, ikun hemm azzjoni apposta li fiha l-kwistjoni tiġi eżawrjentement diskussa "ad hoc" (ara f'dan is-sens Kollez. XXXIII-II-190);

Illi, barra minn dan, l-atturi fin-nota tagħhom (fol. 179) issottomettew illi l-konvenuti qegħdin jinsistu tua l-eċċezzjoni wara li l-partijiet spiccaw il-provi tagħhom; fi ftit kliem, issottomettew illi l-konvenuti ma jistgħux iqanqlu dik il-preġudizzjali, għax bl-aġir tagħhom urew li rrinunzjaw għaliha;

Illi, fuq dana l-pont, il-Qorti tirrileva illi indubbjament il-preġudizzjali tikkostitwixxi eċċezzjoni dilatorja; u għalkemm hija ġiet mogħtija fil-bidu tad-difiża, skond l-art. 729 (1) Proċ. Ċiv. kien hemm bżonn ukoll illi l-konvenuti jinsistu, qabel xejn, li tkun deċiża — arg. art. 729(2) u 730 Proċ. Ċiv.; u peress illi l-eċċezzjoni dilatorja rigward il-forma twassal għan-nullità ta' l-attijiet ġudizzjarji (fil-każ tagħna għall-irritwalita tac-ċitazzjoni), kien nemm bżonn li l-konvenuti josservaw ukoll iż-żewġ presupposti preskritti mill-art. 792(1)(c), jiġifieri illi jkunu li dina l-vjolazzjoni ta' forma ġiebetilhom preġudizzju li ma jistax jissewwa ħlief billi l-att jiġi annullat, kif ukoll illi ma jgħaddux għal attijiet oħra successivi mingħajr ma jinsistu fuq dik l-eċċezzjoni (art. 792(2) Proċ. Ċiv.). Issa, ebda wieħed minn dawn il-presupposti ma ġie sodisfatt mill-konvenuti. Mhux l-ewwel wieħed: għaliex fil-kawża laħaq ingabar kważi l-materjal probatorju kollu li minnu jista' jidher aċċertat mhux biss it-trafugament tas-sustanzi reklamati, iżda anki l-konteġġi li għandhom isiru biex kull parti tieħu sehemha minn dawk is-sustanzi; u konsegwentement, jekk il-kawża titkompla fuq iċ-ċitazzjoni kif proposta, il-konvenuti ma jsofrux dak il-preġudizzju irriparabbli li trid il-liġi biex tammetti l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni. Mhux it-tieni presuppost; għaliex il-konvenuti, wara li sollevaw il-preġudizzjali, ipproċedew xjentement għall-atti successivi, kif ukoll ħallew lill-atturi jmexxu 'l quddiem, u kważi jeżawrixxu, il-meritu, b'kull xorta ta' provi. Difatti, l-atturi ġew imħollija jġibu provi dwar id-depożiti fil-banek lokali ...... Il-konvenuti, imbagħad, barra milli kkontro-eżaminaw diversi mix-xhieda, talbu li jġibu xhud mhux dikjarat ...... Wara, imbagħad, illi l-perit ġie nominat, il-konvenuti ppreżenzjaw is-seduti għas-smiegħ tax-xhieda, mingħajr ebda xorta ta' protesta

jew riżerva. Kien biss fid-29 ta' Ottubru. 1954, (ara verbal fol. 163) illi d-difensur tal-konvenuti, fuq rikjesta tal-Qorti, wera li l-preġudizzjali ma kienx irrinunzja għaliha u talab żmien biex jara għandux jinsisti għad-deċiżjoni tagħha jew le; u in segwitu ddikjara li l-klijenti tiegħu kienu jinsistu fuq dik l-eċċezzjoni;

Illi, però, dina l-insistenza tal-konvenuti hija tardiva u serotina; għaliex is-silenzju tagħhom fil-kors kollu tal-provi li saru, mingħajr qatt ma pprotestaw ruħhom dwar l-irritwalità taċ-ċitazzjoni, ma jistax ifisser ħag'oħra ħlief akkwijexxenza għal li sar, u l-lum ma jistgħux jerġgħu lura minn dak l-atteġġjament. Dan hu, del resto. l-insenjament tal-Qrati Tagħna f'dina l-materja (Kollez. XII, 57; XXIX-I-1077; u XXIX-II-1009);

Illi l-konvenuta. fin-nota tagħha fol. 174, ħasset is-serotinità ta' dina l-insistenza tagħha. u ddikjarat li "ma ssibx diffikultà li kieku dawn il-kwistjonijiet u kalkoli jiġu nvestiti u riżoluti f'din il-kawża, iżda trid li jiġu mressqin il-provi kollha fil-meritu. ċjoè biex jiġi determinat l-ammont preċiż li għandu jinqasam u l-mod kif għandha ssir il-qasma" (fol. 176). Minn naħa tagħhom, l-atturi, fl-imsemmija nota tagħhom fol. 179. iddikjaraw illi "jekk il-konvenuti għandhom xi provi biex iġibu, jew li ma ħadux is-somma mitluba. jew li s-senem tal-atturi mhux dak indikat, għandhom il-libertà li jressqu dawn il-provi" (fol. 180);

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi jirrendi ruħu neċessarju l-provvediment intraskritt;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad il-preġudizzjali tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom; u peress li f'din il-kawża jeħtieġ li jiġi mqabbad perit legali biex jirrelata jekk il-konvenuti, jew minn minnhom, ħadux u approprijawx ruħhom mill-flus u mill-oġġetti mobili ndikati fiċ-ċitazzjoni, u f'każ affermattiv jistabbilixxi kif dawk il-flus u sustanzi għandhom jinqasmu, u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ, tinnomina għal dan l-oġġett. bħala perit legali, a spejjeż provviżorjament tal-atturi. lill-Avukat Dottor Riccardo Farrugia............. Huwa għandu jżomm l-ewwel seduta fl-10

ta' Marzu 1955, fit-3 p.m., u jippreżenta r-rapport mhux iżjed tard mit-13 ta' Mejju, 1955; għal liema ġurnata qegħdha tiġi differita l-kawża. U mar-rapprt għandu jannetti kopja dattilografata tal-verbal tas-seduti li jagħmel. Spejjeż riżervati.